**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 16 ta' Gunju, 2016**

**Rikors Guramentat Nru: 579/2015 AF**

**Lilian Marsh fil-kapacità taghha bhala mandatarja specjali tal-assenti Emmanuel Aquilina detentur tal-passaport Malti 792337 ta' 720, Barkly Street, West Footscray, Victoria, Awstralja**

**vs**

**Bradley Gatt li fil-verbal tas-seduta tas-6 ta' Ottubru 2015, il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li tissejjah fil-kawza Gemma Aquilina**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti Lilian Marsh nomine li ġie ppreżentat fit-12 ta' Ġunju 2015, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Ir-rikorrenti kien jittrasferixxi lill-intimat bhala fiducjarju tieghu sabiex l-intimat jinvesti jew direttament f'ismu jew f'isem il-mandanti tieghu somma ta' tlett mija u sitta u erbghin elf, tmien mija u hamsin elf Ewro (€346,850) ekwivalenti ghal

hames mitt elf Dollaru Awstraljan (AUD 500,000) kif jirrizulta mill-annessi dokumenti markati Dokument A u Dokument D.

Irrizulta illi dawn il-flus ma gewx investiti fl-interess tar-rikorrent izda gew uzati unikament fl-interess tal-intimat.

Bejn il-partijiet inholoq rapport a bazi tal-obbligazzjonijiet fiducarji bejniethom u ghalhekk il-konvenut kellu l-obbligu li jottempra ruhu mad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 1124A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Inoltre r-rikorrent trasferixxa f’isem l-intimat Bradely Gatt is-somma ta’ tnax-il elf dollaru Awstraljan (AUD 12,000) (Dokument B) ekwivalenti ghal tmint elef tlett mija u erba’ u ghoxrin Ewro u erba’ u ghoxrin centezmu (€8324.40) peress li l-bank tal-assenti, Commonwealth Bank of Australia bi zball ikkonvertiet s-somma ta’ AUD 500,000 f’munita Ewro u sussegwentement l-istess bank ghadda lil Bradley Gatt din is-somma.

F’kaz illi l-ammonti rcevuti kellhom jigu investiti f’isem Bradley Gatt dan kellu jkun biss mandatarju prestanome b’obbligi fiducjarji lejn ir-rikorrent (Dokument F).

Fil-kors tal-provi hemm possibilità li tista’ tigi invokata u ssir il-priva illi kien hemm xi varjazzjoni fil-valur tal-investiment u fil-munita relattiva u f’liema kaz ghandu jkun hemm talba ghal danni.

Fil-kors ta’ din l-attività fiducarja kien gie kkreditat bi zball tal-bank in kwistjoni ammont li kellu jkun appartenenti lir-rikorrent u li gie akkreditat lill-intimat meta fil-fatt kien jappartjenti r-rikorrent; in vjolazzjoni tal-obbligi fiducarji tieghu dan naqas illi jhallashom lura lir-rikorrent.

Il-fiducarju prestanome hu obbligat li jaghti rendikont u ghandu dover li jrodd lura l-ammont avvanzat bl-imghax dak li gie fdat lilu.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat kellu lejn l-esponent obbligi fiducjarji meta kien qed jircevi l-flus;

2. Tikkundanna lill-intimat fi zmien qasir u perentorju illi jaghti rendikont tal-ammont minnu ricevut.

3. Tillikwida l-Qorti stess l-ammont illi l-intimat ircieva u jrid jrodd lura lir-rikorrent.

4. Tikkundanna lill-intimat ihallas dawn l-ammonti hekk likwidati.

5. F'kaz li jirrizulta mill-provi li kien hemm varjazzjoni fil-valur tal-investimenti jew fil-munita tiddikjara lill-intimat responsabbli ghal tali varjazzjoni fil-valur, tillikwida d-danni kawzati minn din il-varjazzjoni u tikkundannah ihallas id-danni hekk likwidati.

6. Tikkundanna lill-intimat ihallas l-imghax bl-ghola rata skond il-ligi mid-data tal-ircevuta tal-flus.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-intimat li hu minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-intimat Bradley Gatt li ġiet ippreżentata fis-7 ta' Lulju 2015 fejn eccepixxa illi:

Ir-rikors guramentat huwa msejjes fuq premessi zbaljati peress li l-intimat ma gie moghti ebda mandat da parti tal-attur (li jigi n-nannu tieghu), u m'hemm ebda relazzjoni fiducjarja, jew kwalsiasi relazzjoni ohra guridika bejniethom, ghalhekk il-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Is-somma flus mertu tat-talba attrici giet mghoddija lill-konvenut fuq struzzjonijiet, u skond ix-xewqa ta' nanntu Gemma sive Jane Aquilina stante li tali somma flus hija taghha, u tirrapprezenta s-sehem li kien spettanti lilha esklussivament mill-bejgh ta' proprjetà fl-Awstralja. Gemma Aquilina tigi mart l-attur, però hi u l-attur ilhom jghixu separatament ghal kwazi

erbghin (40) sena, bl-attur jghix l-Awstralja u hi f'Malta sa mill-1976, ghalhekk Gemma Aquilina ghandha tigi kjamata fil-kawza.

B'hekk il-gudizzju mhux integru stante li l-attur ghazel li jahlli barra lil martu Gemma sive Jane Aquilina minn din il-kawza, u b'hekk l-intimat qieghed jitlob li tigi msejha f'din il-kawza a tenur tal-Art. 961 u 962 tal-Kap. 12.

Bla hsara ghas-suespost, l-attur la ghandu jedd jitlob rendikont ta x'sar mill-flus in kwistjoni, u wisq anqas li jippretendi xi hlas lura tal-istess. Però ghal kull buon fini l-intimat jiddikjara li kif jidher minn "Dok. BG1" mehmuz, il-flus in kwistjoni huma kollha investiti b'mod sigur fi stocks tal-Gvern ta' Malta u f'bonds ta' kumpanniji Maltin ikkwotati fil-Borza ta' Malta.

Mhuwiex minnu li l-attur iddepozita xi flus bi zball fil-kont tal-konvenut, però f'kull kaz, kwalsiasi somma mghoddija mill-attur lill-konvenut tappartjeni lil nanntu Gemma sive Jane Aquilina.

F'kull kaz ebda somom m'huma dovuti mill-konvenut lill-attur, u b'hekk m'hemm ebda likwidazzjoni xi ssir.

Anke l-istess dokument ipprezentat mill-attur jindika li l-flus mghoddija lill-konvenut ma baqghux tal-attur.

Wisq anqas m'huwa l-konvenut responsabbli ghal xi danni kkawzati mill-varjazzjoni tal-valur tal-investiment, jew ghal kwalsiasi raguni ohra.

Il-fatti indikati mill-konvenut u kkonfermati minn nanntu Gemma sive Jane Aquilina huma diversi minn dawk esposti mill-istess attur.

Salvi risposti ulterjuri skond il-ligi.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur li minn issa qieghed jigi ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-kjamata fil-kawża Gemma sive Jane Aquilina li ġiet ippreżentata fit-22 ta' Ottubru 2015 fejn bil-gurament ikkonfermaw illi:

Is-somma flus mertu tat-talba attrici giet mghoddija lill-konvenut Bradley Gatt fuq struzzjonijiet, u skond ix-xewqa tal-esponenti stante li tali somma flus hija taghha, u tirrapprezenta s-sehem spettanti lilha esklussivament mill-bejgh ta' proprjetà fl-Awstralja. L-esponenti hija l-mart l-attur però hi u l-attur ilhom jghixu separatament ghal kwazi erbghin (40) sena, bl-attur jghix l-Awstralja u l-esponenti f'Malta sa mill-1976.

Mhuwiex minnu li l-attur iddepozita xi flus bi zball fil-kont tal-konvenut Bradley Gatt, però f'kull kaz, kwalsiasi somma mghoddija mill-attur lil Bradley Gatt tappartjeni lil nanntu Gemma sive Jane Aquilina.

Bla hsara ghas-suespost, l-attur la ghandu jedd jitlob rendikont ta x'sar mill-flus in kwistjoni, u wisq anqas li jippretendi xi hlas lura tal-istess. Però ghal kull buon fini l-esponenti tikkonferma li l-flus mertu ta' din il-kawza huma dawk investiti kif elenkat f'Dok. BG1 mehmuz mar-risposta mahlufa tal-konvenut Bradley Gatt.

F'kull kaz ebda parti mill-investimenti u/jew flus in kwistjoni m'huma dovuti lill-attur, peress li tali somom huma esklussivament tal-esponenti, kif ser jigi indikat ahjar fil-kontro-talba li qieghda tigi prrezentata kontestwalment ma din ir-risposta mahlufa.

Wisq anqas m'hija l-esponenti responsabbli ghal xi danni, allegatament kkawzati mill-varjazzjoni tal-valur tal-investiment, jew ghal kwalsiasi raguni ohra. Ma tistax tkun responsabbli ghal tali danni kemm ghax hi ma ghandhiex kontroll fuq il-varjazzjoni tal-valur tal-investiment kif ukoll anke ghaliex l-investimenti huma taghha.

Salvi risposti ulterjuri skond il-ligi.

L-esponenti qed tuza din ir-risposta biex taghmel il-kontro-talba taghha.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur li minn issa qieghed jigi ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ukoll il-kontro-talba tal-istess kjamata fil-kawża.

Rat ir-risposta ġuramentata tar-rikorrenti Lilian Marsh nomine għall-kontro-talba tal-kjamata fil-kawża, li ġiet ippreżentata fl-4 ta' Novembru 2005.

Rat in-noti tas-sottomissjonijet tar-rikorrenti nomine u tal-kjamata fil-kawża fir-rigward tat-tlett eċċezzjonijiet preliminari tar-rikorrenti għall-kontro-talba tal-kjamata fil-kawża.

Rat l-atti kollha tal-proċess.

Din is-sentenza hija waħda preliminari limitata għat-tlett eċċezzjonijiet preliminari tar-rikorrenti nomine għall-kontro-talba tal-kjamata fil-kawża. L-eċċezzjonijiet huma dawn:

> *"1. Illi preliminarjament, l-esponenti rikonvenzjonata qed teċċepixxi n-nullità tal-kontro-talba tal-kjamata fil-kawża stante li kontro-talba ma tistax issir minn kjamat fil-kawża.*
>
> *2. Illi preliminarjament ukoll l-eċċipjenti rikonvenzjonata qed teċċepixxi n-nullità tal-kontro-talba stante li l-kontro-talba tirrigwardja fatti li mhumiex mertu tat-talbiet u li huma sitwazzjonijiet bejn il-partijiet; it-talba tal-assenti fir-rikors ġuramentat promutur hija għar-restituzzjoni tal-ammont fdat mill-assenti Emanuel Aquilina lil Dr Bradley Gatt li fl-aħjar ipotesi għall-attur għandhom jiġu restitwiti lilu. Illi l-kontro-talba hija ħaġa estranja totalment għall-mertu tal-kawża li kellha ssir b'ġudizzju separat;*
>
> *3. Illi konsegwentement u preliminarjament ukoll in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din l-Qorti għaliex il-kontro-talba tirrigwarda residenti esteru."*

Ir-rikorrenti nomine eċċepiet fl-ewwel lok illi l-kontro-talba hija nulla għaliex ma tistax issir minn kjamat fil-kawża.

L-Artikolu 962 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jitratta dwar l-effetti tas-sejħa tat-terza persuna fil-kawża jgħid hekk:

> *"It-terza persuna msejħa fil-kawża għandha tiġi nnotifikata bir-rikors, ġuramentat jew le, u, għall-finijiet kollha, titqies bħala kull konvenut ieħor; u bħala tali għandha l-jedd li tippreżenta kull skrittura, li tagħti kull eċċezzjoni, u li tinqeda b'kull benefiċċju ieħor illi l-liġi tagħti lill-konvenut; u tista', skont iċ-ċirkostanzi, tiġi meħlusa jew ikkundannata, daqs li kieku mill-ewwel il-kawża kienet proposta kontra tagħha."*

Il-kliem tal-leġistatur huwa ċar. Il-kjamat fil-kawża huwa meqjus bħal kull konvenut ieħor u għandu l-jedd li jinqeda b'kull benefiċċju li l-liġi tagħti lill-konvenut - u għalhekk inkluż il-"benefiċċju" li jagħmel kontro-talba kontra l-attur abbażi tal-Artikolu 396.

Ir-rikorrenti nomine in sostenn ta' din l-eċċezzjoni tagħha tirreferi għas-sentena "Airmalta plc vs Lawrence Borg et" (PA 30.06.2004 – 791/2003JRM), fejn ġie ritenut hekk:

> *"Illi huwa miżmum ukoll minn sensiela twila ta' deċiżjonijiet, li element ewlieni li jsejjes is-siwi ta' azzjoni rikonvenzjonali huwa dak li, minbarra l-konnessjoni msemmija mil-liġi, irid jirriżulta wkoll li jista' jagħmel użu minnha biss l-imħarrek fil-kwalità li huwa jkun tħarrek fiha fl-azzjoni oriġinali."*

Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti dan bl-ebda mod ma jfisser li l-kjamat fil-kawża ma jistax jagħmel kontro-talba (kif tidher li qed tippretendi r-rikorrenti nomine). Ifisser sempliċiment li l-konvenut jista' jagħmel il-kontro-talba biss fil-kwalità li fiha ikun tħarrek bħala konvenut. Fil-fatt dan jirriżulta proprju mill-Artikolu 400, li jistipola din ir-regola kemm fil-konfront tal-kjamat fil-kawża kif ukoll fil-konfront tal-attur:

> *"Il-konvenut ma jistax jipproponi l-kontro-talba fi kwalità oħra minn dik li fiha jkun imħarrek, lanqas ma jista' jipproponi l-kontro-talba kontra l-attur fi kwalità oħra li fiha*

*dan ikun deher fit-talba tiegħu."*

Fil-fehma ta' din il-qorti ma hemm l-ebda impediment legali għal talba rikonvenzjonali mressqa minn parti kjamata fil-kawża u għalhekk din l-ewwel eċċezzjoni qegħda tiġi respinta.

Fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni: *in-nullità tal-kontro-talba stante li tirrigwarda fatti li huma indipendenti mill-azzjoni oriġinali*:

L-Artikolu 396 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula hekk:

> *"Fil-kawżi, l-konvenut jista' jagħmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba tal-attur kif sejjer jingħad hawn taħt:*
>
> *(a) meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun ġejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun ġejja t-talba tal-attur; jew*
>
> *(b) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaċi l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod ieħor iġib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew li jimpedixxi l-effetti tagħha."*

Ir-rikorrenti nomine eċċepiet illi l-kontro-talba tirrigwarda fatti li mhumiex mertu tat-talbiet. Targumenta illi t-talba ta' Emanuel Aquilina (assenti) hija għar-restituzzjoni tal-ammont fdat minnu lill-intimat, filwaqt li l-kontro-talba hija totalment estranja għal dan.

Jirrizulta illi r-rikorrent (assenti) Emanuel Aquilina u l-kjamata fil-kawża Ġemma Aquilina huma fil-fatt in-nanniet tal-intimat Bradley Gatt. Il-konjuġi Aquilina ilhom jgħixu separatament mill-1976: ir-rikorrent jgħix l-Awstralja filwaqt li l-kjamata fil-kawża tgħix Malta. Il-kjamata fil-kawża tispjega li fl-2010 kienet inbiegħet id-dar li hi u żewġha kellhom f' Melbourne għall-prezz ta' AUD1,040,000 li nofshom kienu jmissu lilha. Tispjega li hi stess kienet marret Melbourne biex tiffirma l-kuntratt. Tgħid li bil-kunsens tagħha, il-flus l-ewwel marru fil-

kont li żewġha kellu l-Awstralja biex imbagħad huwa jkun jista' jgħaddi l-ħlasijiet li kellhom isiru lejn Malta.  Tgħid li n-neputi tagħhom, Bradley Gatt kien fetaħ żewġ kontijiet bankarji f'ismu sabiex l-ammont ta' AUD500,000 jiġi trasferit fihom: wieħed mal-Volksbank Malta u l-ieħor mal-Mediterranean Bank.  F'kull wieħed kellu jitpoġġa AUD250,000. Il-kjamata fil-kawża tkompli tispjega li wara li l-intimat kien kellem bosta konsulenti finanzjarji kien għażel li jinvesti l-flus f' bonds u stocks tal-Gvern (skont Dok BG1)[1] u għalhekk issostni li l-investimenti kollha huma proprjeta` tagħha u mhux ta' żewġha r-rikorrenti assenti.

F'dan l-isfond il-kawża li ġiet istitwita mir-rikorrenti f'isem l-assenti Emanuel Aquilina hija bbażata fuq ir-relazzjoni fiduċjarja li l-assenti Emanuel Aquilina allegatament kellu mal-intimat Bradley Gatt, u fuq it-trasferiment ta' flus li saru mill-assenti Emanuel Aquilina fil-kontijiet tal-istess Gatt sabiex dan tal-aħħar jinvesti l-flus fl-interess ta' Emanuel Aquilina. L-iskop tat-talba bażikament hu biex jiġi dikjarat li l-intimat kellu obbliġi fiduċjarji meta rċieva l-imsemmija flus, biex jagħti rendikont tal-ammont minnu riċevut, biex jiġi kkundannat iħallas l-ammonti likwidati.

Mill-banda l-ohra permezz tal-kontro-talba il-kjamata fil-kawża invece qed titlob li jiġi dikjarat li l-flus li ġew trasferiti lil Bradley Gatt huma fil-fatt tagħha u mhux ta' żewġha Emanuel Aquilina u li għalhekk l-investimenti bl-imgħaxijiet u l-frottijiet tagħhom kif elenkati f' Dok BG1 huma proprjetà esklussiva tagħha u mhux ta' Emanuel Aquilina.

Fil-fehma tal-qorti it-talba u l-kontro-talba huma effettivament provenjenti mill-istess fatt, kif rikjest skont l-Artikolu 396(a): u cioe il-flus li ġew trasferiti lill-intimat Bradley Gatt mill-Awstralja.  Emanuel Aquilina jridhom lura għaliex isostni li ġew investiti fl-interessi tiegħu da parti tal-intimat li allegatament kien il-fiduċjarju tiegu, filwaqt li l-kjamata fil-kawża qed tgħid li invece huma tagħha u ġew investiti fl-interessi tagħha.

[1] Fol 39-40

Ir-rikorrenti nomine issostni illi l-kontro-talba introduċiet mertu differenti minn dak strettament mitlub fil-kawża. Din il-qorti ma taqbilx. Fil-fatt l-istess intimat fir-risposta ġuramentata tiegħu, wara li jiċħad li kellu xi obbligi fiduċjarji lejn nannuh (l-assenti Emanuel Aquilina), isostni illi kwalsiasi somma mgħoddija lilu minn nannuh kienet tappartjeni lil nanntu (l-kjamata fil-kawża Gemma Aquilina). Għalhekk parti mid-difiża tal-istess intimat hija bbażata proprju fuq l-allegazzjoni li l-flus trasferiti lilu huma fil-fatt tal-kjamata fil-kawża.

Ir-rikorrenti nomine issostni wkoll li l-kjamata fil-kawża qed tindirizza l-kontro-talba tagħha lill-intimat Bradley Gatt, meta hija inkonċepibbli li konvenut jagħmel kontro-talba kontra konvenut ieħor. Hawnhekk ukoll din il-qorti ma taqbilx. Kif ingħad, l-intimat stess qed jaqbel li l-flus huma ta' nanntu l-kjamata fil-kawża, u għalhekk ċertament li hija mhux qed tindirizza l-kontro-talba tagħha lejh. Hija invece qed tindirizza l-kontro-talba kontra żewġha Emanuel Aquilina li qed jippretendi li l-flus trasferiti lil Bradley Gatt huma tiegħu u mhux tagħha.

In vista ta' dan kollu din il-qorti jidhrilha l-kontro-talba hija legalment ammissibbli u għalhekk din it-tieni eċċezzjoni hija wkoll infondata u qed tiġi respinta.

Dwar it-tielet eċċezzjoni, u cioè in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-qorti stante li l-kontro-talba tirrigwarda residenti esteru, r-rikorrenti nomine targumenta illi l-assenti Emanuel Aquilina ma jaqax taħt il-parametri tal-Artikolu 742(1)(a) tal-Kapitolu 12 in kwantu huwa residenti u domiċiljat ġewwa l-Awstralja u għalhekk din il-qorti m'għandhiex ġurisidizzjoni.

Hawnhekk ukoll r-rikorrenti nomine m'għandhiex raġun. L-Artikolu 743 tal-Kapitolu 12 speċifikatament jistipula illi:

> "*Jaqa' wkoll taħt il-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza ċivili, kull min ikun rikonvenut f' kawża proposta minnu*."

Għaldaqstant din it-tielet eċċezzjoni qegħda wkoll tiġi respinta.

Għal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tiċħad it-tlett eċċezzjonijiet preliminari tar-rikorrenti nomine fir-rigward tal-kontro-talba tal-kjamata fil-kawża, u tordna li l-kawza titkompla regolarment.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

IMHALLEF

DEP/REG